

**TWEĠIBIET LILL-PARLAMENT EWROPEW****KWESTJONARJU LILL-KUMMISSARJU NNOMINAT****Margrethe Vestager****Viċi President Eżekuttiv innominata għal Ewropa adattata għall-Era Diġitali****1. Kompetenza ġenerali, impenn Ewropew u indipendenza personali**

**X'aspetti tal-kwalifiki u l-esperjenza personali tiegħek huma partikolarment rilevanti biex issir Kummissarju u tippromwovi l-interess ġenerali Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam li tkun responsabbli minnu? X'jimmotivak? Kif se tikkontribwixxi għall-preżentazzjoni tal-aġenda strateġika tal-Kummissjoni? Kif se timplimenta l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u ddaħħal tali perspettiva fl-oqsma ta' politika kollha tal-portafoll tiegħek?**

**X'garanziji ta' indipendenza tista' tagħti lill-Parlament Ewropew, u kif tista' tiżgura li kull attività li wettaqt, qiegħda twettaq jew se twettaq ma tkunx tista' tqajjem dubji dwar it-twetiq ta' dmirijietek fi ħdan il-Kummissjoni?**

Is-seduta ta' smiġh tiegħi fil-Parlament Ewropew f'Ottubru 2014 kienet esperjenza li ma tintnesiex — jien iddeskrivejtha dan bħala eżami orali ta' tliet siegħat fis-sillabu sħiħ u aktar. Is-seduti ta' smiġh huma importanti għaliex dawn jirrappreżentaw l-uniċità ta' dak li ħloqna flimkien: sistema demokratika fejn il-votanti fl-Ewropa kollha jistgħu jivvutaw għall-kandidat preferut tagħhom biex jirrappreżentawhom fil-Parlament Ewropew. U l-assigurazzjoni li daww — bħali — li ma ntgħażlux mill-votanti iżda li ġew maħtura mill-gvern tagħhom bħala Membri tal-Kummissjoni, għad iridu jiġu vverifikati u aċċettati mill-Parlament Ewropew.

Issa huwa aktar minn 30 sena ilu li bdejt naħdem fil-politika. Minn dejjem ippruvajt ngħin lil nies oħra jgħixu haġġithom kif jixtiequ — fir-rigward li oħrajn ikollhom l-istess ċans. Soċjetà fejn aħna bħala individwi nistgħu insegwu l-ħolm tagħna. Soċjetà fejn aħna, flimkien, nimmiraw li nagħmlu dinja aħjar.

Kelli l-privileġġ li naħdem bħala Kummissarju għall-Kompetizzjoni. Għalija, ir-regoli tal-kompetizzjoni mhumiex hemm għaliex aħna naħsbu li l-kompetizzjoni hija ħaġa tajba fiha nnifisha. Ir-regoli tal-kompetizzjoni qegħdin hemm biex jiżguraw li s-suq iservi lill-konsumatur/klijent u biex ikun żgurat li n-negozji kollha jkollhom ċans ġust ta' suċċess. Din hija biċċa waħda ta' taħbil il-moħħ biex is-soċjetà tagħna ssir post aħjar fejn wieħed jgħix.

Din il-mira hija wkoll il-motivazzjoni tiegħi bħala persuna li taħdem fil-politika. Fl-esperjenza tiegħi, huwa possibbli biss li jinkisbu l-għanijiet tiegħek permezz ta' ħidma f'tim — dan jgħodd ukoll għall-parti Ewropea tad-demokrazija tagħna. Il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom rwoli differenti iżda rridu naħdmu flimkien bħala tim. Se jkolli l-għan li nkompili naħdem fil-Kummissjoni bl-istess twemmin li kien parti mix-xogħol ta' kuljum mar-regoli tal-kompetizzjoni għall-aħħar ħames snin: biex niżguraw li jkollna

għażliet. L-għażla li jinstab prezz aħjar, jew firxa usa' ta' prodotti. Biex niksbu kwalità aħjar, ikun xi jkun dak li dan ifisser għalina — jekk hijiex karozza aktar affidabbli, jew netwerk soċjali li jipproteġi aħjar id-data privata tagħna. Permezz ta' xogħolna — l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni fit-Trattat tagħna — nagħmlu li nistgħu biex nagħmlu l-Ewropa post aktar ġust biex ngħixu.

Jien se nkompli nistinka biex nissodisfa l-wegħda fundamentali: li ż-żgħir u l-kbir jiġu ttrattati b'mod ugwali. Billi ma jiġux ibbuljati, esklużi jew użati ħażin minn dawk li għandhom is-saħħa u li jistgħu ikollhom l-intenzjoni li jużaw b'mod ħażin il-poter tagħhom. Li noħolqu opportunitajiet biex naraw l-ideat jikbru u jingħataw il-ħajja. Li noħolqu l-prosperità u l-possibbiltà li n-nies iwettqu l-ħolm tagħhom.

Ir-rieda li jaħdmu flimkien hija mibnija fuq ambizzjonijiet kburi, profondi u viżjonarji. Bnejna l-Unjoni Ewropea fuq l-irmied ta' żewġ Gwerer Dinjija. Aħna wrejna lid-dinja li ħloqna xi ħaġa li mhix fuq xi ktieb, lanqas kopja ta' xi ħaġa oħra. Li noħolqu Ewropa fejn inkunu nistgħu ngħixu fil-paċi u fi prosperità relattiva. L-impenn tagħna lejn il-valuri li bnew l-Ewropa tagħna, valuri bħal-libertà u l-ġustizzja u d-demokrazija, jagħtina l-bażi soda li għandha tkun riflessa fid-deċizzjonijiet kollha tagħna u fuq l-aġenda strateġika tagħna: Li nistinkaw għal soċjetà aħjar għalina lkoll u li npoġġu lill-Ewropa fil-qalba tal-azzjoni.

Bħala Kummissarju inkarigat mill-kompetizzjoni, id-diversità fit-timijiet tiegħi u fit-teħid tad-deċizzjonijiet dejjem kienet fil-quċċata tal-prijoritajiet tiegħi. Dan se jkompli jkun il-każ. Jien se nibqa' impenjata li ntejjeb il-bilanċ bejn is-sessi u li nimplimenta l-integrazzjoni tas-sessi bl-użu tal-għodod kollha għad-dispożizzjoni tiegħi fl-oqsma kollha fejn jien responsabbli.

Nammira u nirrispetta l-pedamenti li fuqhom bnejna l-Ewropa: ir-rispett fundamentali għall-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna, l-Istat tad-dritt, it-trattament ugwali, il-proporzjonalità u l-prosperità. Nimpenja ruħi li nikkonforma mal-ogħla standards etiċi u mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 17.3, 245 u 339 tat-TFUE u l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Kummissarji. La se nfittex u lanqas se nieħu struzzjonijiet minn xi istituzzjoni jew entità esterna. L-għan tiegħi huwa li nikkunsidra l-interessi kollha involuti, irrispettivament mill-orijini nazzjonali, reġjonali, professjonali jew personali. Id-dikjarazzjoni ta' interess tiegħi hija kompluta u aċċessibbli għall-pubbliku u se tiġi aġġornata jekk ikun hemm xi bidliet.

Għalija, l-indipendenza mihijiex negozjabbli. Se nevita kwalunkwe sitwazzjoni fejn l-imparzjalità u l-indipendenza tiegħi jistgħu jiġu interrogati. Se ninforma lill-President tal-Kummissjoni bi kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tinvolvi kunflitt ta' interess.

## **2. Ġestjoni tal-portafoll u kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew**

**Kif tivvaluta r-rwol tiegħek bħala Membru tal-Kulleġġ tal-Kummissarji? F'liema rigward tqis li inti responsabbli lejn il-Parlament u li trid tagħtih kont tal-azzjonijiet tiegħek u tad-dipartimenti tiegħek?**

**X'impenji speċifiċi lest/a tieħu f'termini ta' trasparenza akbar, aktar kooperazzjoni u segwitu effikaċi għall-pożizzjonijiet u t-talbiet għal inizjattivi leġiżlattivi tal-Parlament? B'rabta mal-inizjattivi ppjanati jew il-proċeduri li għaddejjin, lest/a li lill-Parlament tagħtih informazzjoni u dokumenti bl-istess mod li tagħtihom lill-Kunsill?**

Fil-ħajja tgħallimt il-valur tas-smiġh. Naħseb li hemm raġuni għaliex aħna l-bnedmin ġejna pprovduti b'żewġ widnejn u ħalq — għandna nisimġu aktar milli nitkellmu. Dan minħabba li huwa importanti li wieħed jisma' sabiex ikollu djalogu. Speċjalment jekk ma taqbilx. Id-djalogu fil-politika huwa trejqa għal deċiżjonijiet. Għall-kunsens. Biex infittxu li nsibu bażi komuni u soluzzjonijiet fejn kulħadd jista' jara lilu nnifsu rifless. Id-demokrazija tisser li tkun tista' tesprimi l-opinjonijiet tiegħek. Iżda d-demokrazija tisser ukoll li nisimġu l-opinjonijiet ta' oħrajn.

F'Mejju smajna l-vuċijiet ta' ħafna votanti Ewropej. Aktar min-nofs il-votanti Ewropej kollha. Punt għoli li konna ilna ma nilħqu mill-1994. Irridu nuru lill-votanti li nistgħu naħdmu biex nilħqu l-aspettattivi tagħhom. Jekk nagħżlu li naħdmu flimkien, nistgħu noħolqu Ewropa aħjar u dinja aktar b'saħħitha. Neħtieġu tmexxija Ewropea li tirrifletti l-Ewropa. Permezz tal-Kummissjoni li jmiss, se nwettqu l-prinċipju li n-nisa u l-irġiel għandhom ikunu rappreżentati b'mod ugwali f'dak li għandu x'jaqsam mat-tmexxija Ewropea.

Jien se nieħu r-responsabbiltà u nkun responsabbli għad-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-Kummissjoni bħala Kulleġġ. Aktar importanti minn hekk, se nagħmel hekk b'rispett għaċ-ċittadini fl-Ewropa. Diġà kelli l-pjaċir inżur l-Istati Membri kollha, iżda ninsab ħerqana li nżurhom mill-ġdid u wkoll biex inżur aktar mill-kapitali.

Jekk niġi kkonfermata, se nagħxi f'kooperazzjoni sħiħa mal-Membri l-oħra tal-Kummissjoni u l-metodi ta' ħidma stabbiliti mill-President-elett. Fir-rigward tas-servizzi tal-Kummissjoni taħt ir-responsabbiltà tiegħi, nixtieq nistabbilixxi relazzjoni ta' fiduċja reċiproka u trasparenza.

Hemm ħafna affarijiet li għad iridu jsiru u jeħtieġ li niżviluppaw aktar il-viżjonijiet politiċi tagħna biex inkunu nistgħu nikkontribwixxu u naħdmu aħjar għal Ewropa aħjar. Ewropa adattata għall-era diġitali. Ewropa li tagħmel is-swieq jaħdmu aħjar għall-konsumaturi u n-negozji.

Se jkollna bżonn niffukaw fuq l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi tad-dritt tal-UE, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali biex niżguraw il-funzjonament ta' kuljum ta' suq intern mingħajr ostakli.

Il-kompetizzjoni se tkun ċentrali għal dak li rridu noħolqu kemm fl-Ewropa kif ukoll għall-Ewropa. Il-politika tal-kompetizzjoni hija kruċjali għas-suċċess tal-aġenda tagħna għall-ħolqien tal-impjiegi, it-tkabbir u l-investimenti — u l-aħjar soluzzjonijiet għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Dan għandu jġi rifless fl-istrateġiji fit-tul tagħna għall-industrija tagħna u għall-SMEs tagħna. Dan se jkollu jkun parti minn kif nittrattaw l-Intelliġenza Artifiċjali u nagħornaw ir-responsabbiltà u r-regoli ta' sikurezza tagħna għal pjattaformi, servizzi u prodotti diġitali. Dan se jkun meħtieġ jekk irridu noħolqu patt ekoloġiku ġdid reżiljenti u li jħares' il quddiem u politika dwar it-tibdil fil-klima.

Nimpenja ruħi favur it-trasparenza, l-ekwità u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd. Għaċ-ċittadini u s-soċjetà. Fejn it-teknoloġija u d-diġitalizzazzjoni huma ta' benefiċċju għalina bħala konsumaturi u ċittadini. Bħala bnedmin.

Se naħdem mill-qrib flimkien u naħdem fi djalogu miftuħ u strutturat mal-Parlament Ewropew. Nemmen fit-trasparenza dwar il-ħsieb ta' politika, l-isfond ekonomiku u l-ħsieb

ġenerali wara r-regoli tagħna u d-deċiżjonijiet tagħna. Se niżgura wkoll li l-Parlament Ewropew jiġi infurmat regolarment, b'mod partikolari qabel avvenimenti kbar u fi stadji ewlenin tan-negozjati internazzjonali f'oqsma taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

Il-President elett von der Leyen tappoġġja d-dritt ta' inizzjattiva għall-Parlament Ewropew. Hija impenjat ruħha li l-Kummissjoni tagħha se ssegwi rizzoluzzjonijiet Parlamentari adottati minn maġġoranza tal-membri tagħha b'att leġiżlattiv, b'rispett sħiħ lejn il-prinċipji ta' proporzjonalità, sussidjarjetà u tfassil aħjar tal-liġijiet. Jiena naqbel kompletament ma' dan l-oġettiv u se niżgura li fl-oqsma ta' responsabbiltà tiegħi, il-Kummissjoni twieġeb għar-rizzoluzzjonijiet jew it-talbiet parlamentari magħmula abbażi tal-Artikolu 225 TFUE, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħhom.

## **Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE):**

### **L-Ewwel Mistoqsija**

**1. Liema huma l-prijoritajiet ewlenin tal-politika li beħsiebek twettaq fil-parti tal-portafoll tiegħek li taqa' taħt il-kompetenza tal-Kumitat ITRE, jiġifieri l-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali, l-Industrija, l-SMEs, l-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju? Liema huma l-inizzjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi speċifiċi, inklużi l-istrumenti finanzjarji, li qed tipprevedi biex tikseb dawn il-prijoritajiet? X'miżuri speċifiċi tipprevedi fil-kuntest tal-istrateġija l-ġdida fuq terminu twil għall-futur industrijali tal-Ewropa u għall-istrateġija l-ġdida għall-SMEs imsemmija fl-ittra ta' missjoni tiegħek? X'azzjoni qed tipprevedi fir-rigward ta' Att dwar is-Servizzi Diġitali ġdid u l-leġiżlazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali sal-ewwel 100 jum? X'inhuma l-kontenut ewlieni u l-iskeda għall-inizzjattivi kollha tiegħek? Dawn kif se jaqblu mal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-mira għall-2050 dwar in-newtralità tal-klima msemmija fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss? Kif se tapplika b'mod konkret il-prinċipju ta' "One In, One Out" b'rabta mal-proposti leġiżlattivi dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u Att dwar is-Servizzi Diġitali ġdid? Barra minn hekk, kif se tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-portafoll tiegħek? X'mezzi u miżuri konkreti se tapplika biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis tal-UE mill-Istati Membri?**

### ***Għanijiet ġenerali ta' politika***

Il-prijorità ewlenija tiegħi fir-rigward ta' Ewropa adattata għall-era Diġitali hija li niżgura li l-progress teknoloġiku u t-trasformazzjoni diġitali jaqdu liċ-ċittadini u jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. Dan ifisser li għandna bżonn insawru t-trasformazzjoni diġitali biex niżguraw li kulħadd ikun jista' jibbenefika — is-soċjetà, il-konsumatur u n-negozji, u li t-teknoloġiji ġodda jservu l-valuri tagħna. Jeħtieġ li nsaħħu t-tmexxija diġitali tal-Ewropa, biex inlaħħqu fejn meħtieġ u biex inkunu fuq quddiem fuq teknoloġiji ġodda. U jeħtieġ li nirrikonoxxu li hemm biss żewġ tipi ta' negozju: dawk li diġà huma diġitali u dawk li dalwaqt se jkunu. Għalhekk dan huwa verament komplitu orizzontali.

Sabiex l-Ewropa tibqa' mexxej industrijali globali, l-industrija mhux biss se jkollha taċċellera t-trasformazzjoni diġitali tagħha iżda wkoll it-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija newtrali għall-klima. Jien nara tliet prinċipji ewlenin li huma l-bażi ta' politika industrijali: Għandha tkun favur l-ambjent, għal kulħadd u bbażata fuq kompetizzjoni ġusta. Il-politika industrijali għandha trawwem l-ambjent adatt biex tappoġġja lin-negozji Ewropej ta' kull daqs biex jiżviluppaw jew isaħħu t-tmexxija globali tagħhom f'teknoloġiji nodfa, u tibni ekonomija

sostenibbli. L-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija se tkun sfida kbira kif ukoll opportunità biex jiġu żviluppata prodotti u proċessi ta' produzzjoni innovattivi, u l-ekonomija ċirkolari.

In-negozji Ewropej ivarjaw ħafna. Uħud minnhom huma kbar. Ħafna huma żgħar. Xi wħud huma start-ups żgħażaġħ, dinamiċi, filwaqt li oħrajn għandhom storja twila, li għet żviluppata b'suċċess fuq għexieren ta' snin. B'aċċess għal suq kbir u integrat ta' nofs biljun konsumatur, dawn id-ditti kollha jistgħu jikbru u jlaħħqu bejn il-fruntieri.

Għalhekk, l-iżgurar ta' Suq Uniku li jiffunzjona b'mod sħiħ se jkun prijorità ewlenija, u dan se jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' strateġija ġdida għall-SMEs biex jiġu indirizzati l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-SMEs. Jista' jkun hemm bżonn li r-regoli tas-Suq Uniku jiġu riveduti u aġġustati biex ikun żgurat li jibqgħu adattati għal era diġitali. Jistgħu jkunu meħtieġa miżuri aktar immirati biex jappoġġaw teknoloġiji strateġiċi u katini ta' valur, ibbażati fuq prinċipji ta' ftuħ, tixrid ta' għarfien u ffukar fuq oqsma fejn ikun meħtieġ appoġġ.

L-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi fil-kompetizzjoni huwa tal-akbar importanza, b'mod partikolari meta l-kompetituri tagħna ma jkunux soġġetti għall-istess regoli fir-rigward tas-sussidji mill-Istat. Din hija r-raġuni għaliex se naħdem biex niżviluppaw l-għodod xierqa biex nigarantixxu kompetizzjoni ġusta kemm fis-Suq Uniku kif ukoll fil-livell globali.

Jien impenjata wkoll li nżgura s-sinerġiji u l-fertilizzazzjoni reċiproka bejn is-setturi ċivili u militari, b'mod partikolari bejn l-industrija ċivili, tad-difiża u tal-ispazju. L-ispazju u d-difiża huma t-tnejn li huma ta' importanza strateġika għall-futur tal-Ewropa, u huma setturi ekonomiċi importanti fihom infushom. Hawnhekk ukoll, il-prijorità immedjata tiegħi se tkun li naħdem mal-Kummissarju għas-Suq Intern biex jiġu konklużi kemm jista' jkun malajr in-negozjati dwar il-Fond Ewropew għad-Difiża u dwar il-Programm Spazjali taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

F'dawn l-oqsma kollha, u lil hinn mill-finalizzazzjoni tan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, l-enfasi prinċipali tiegħi se tkun fuq it-twettiq tal-inizjattivi stabbiliti fil-Linji Gwida Poliċi u fl-Itra ta' Missjoni tiegħi, kif se nispjega aktar 'l isfel.

### ***Strateġija ġdida fit-tul għall-futur industrijali tal-Ewropa u l-istrateġija l-ġdida għall-SMEs***

Kompitu ewlieni għaliya se jkun l-iżvilupp ta' strateġija fit-tul għall-futur industrijali tal-Ewropa. Jien se nwassal dan flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għal Ekonomija li taħdem għan-nies. Industrija ta' suċċess hija essenzjali għall-prosperità u l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni. Biex l-Unjoni ssaħħaħ it-tmexxija ekonomika tagħha fil-livell globali, l-industrija tagħna se jkollha tipparteċipa fit-tranżizzjoni kkawżata mill-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli. Fl-istess ħin, l-industrija tagħna għandha tikkontribwixxi għat-tiswir ta' dawn l-iżviluppi billi toħloq prodotti u servizzi ġodda, u billi tappoġġa l-mudell soċjali Ewropew tagħna Dawn l-isfidi jirrikjedu investimenti akbar fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż f'teknoloġiji diġitali innovattivi u l-applikazzjoni tagħhom.

Ninsab konvint li l-istrateġija industrijali tagħna għandha timmobilizza s-sett ta' għodod tal-UE li jappoġġja l-iżvilupp ta' katini ta' valur u teknoloġiji ewlenin li huma ta' importanza strateġika għall-Ewropa. Dawn għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, jiġifieri minħabba li jikkontribwixxu għas-sovranià teknoloġika jew minħabba l-karattru abilitanti tagħhom għal firxa wiesgħa ta' industriji madwar l-Ewropa. Għandhom ikunu miftuħin, verament Ewropej, innovattivi u jwasslu għat-tixrid mifrux tal-għarfien. Ir-rwol tagħna

għandu jkun li jiġi identifikat fejn hemm bżonn ta' appoġġ f'dawn il-ktajjen ta' valur strateġiċi u jiġu indirizzati fi sħubija mal-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti kollha.

L-approfondiment u l-immodernizzar tas-Suq Uniku tagħna għandhom ikunu wkoll prijorità. Is-suq Uniku huwa assi ewlieni għall-industrija, u jipromwovi t-tkabbir tagħha u jstimula l-innovazzjoni. Joffri aċċess għal suq kbir, integrat imsejjes fuq sett uniku ta' regoli. Billi jipprovi spazju sikur biex jesperimenta u jinnova, dan jippermetti li n-negozji jikbru u jespandu. Irridu niżguraw li s-Suq Uniku jibqa' rilevanti. Wieħed mill-kompiti ewlenin tiegħi se jkun ix-xogħol biex jitneħħew l-ostakli ġodda u li fadal filwaqt li tiġi aġġustata l-leġiżlazzjoni għall-bidliet li ġġib magħha d-diġitalizzazzjoni.

L-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea. Huma jiffaċċjaw sfidi speċifiċi meta jippruvaw iżidu l-operazzjonijiet tagħhom madwar l-Ewropa. Għalkemm l-SMEs huma sors importanti ta' innovazzjoni, ħafna drabi jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex ikollhom aċċess għall-finanzjament meħtieġ. Barra minn hekk, jistgħu jbatu biex jidentifikaw u jikkonformaw mar-regoli regolatorji u amministrattivi Ewropej u nazzjonali kollha meta jippruvaw jespandu lil hinn mill-fruntieri. Bl-istess mod, in-negozji ġodda Ewropej u l-SMEs jeħtieġu għajjnuna biex jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet li jipprovdu l-ftehimiet kummerċjali tal-UE.

Biex niżguraw li jkollna approċċ komprensiv biex nindirizzaw l-ostakli differenti li l-SMEs qed ikomplu jiffaċċjaw, bħall-aċċess għall-finanzi, l-aċċess għas-swieq jew il-piż amministrattiv, se mmexxi l-ħidma fuq strateġija ddedikata għall-SMEs flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għal Ekonomija għas-Servizz tan-Nies, li tkopri firxa wiesgħa ta' miżuri fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha. Pereżempju, jeħtieġ li neżaminaw ir-rwol tal-akkwist pubbliku fl-appoġġ tat-tkabbir tal-SMEs.

### ***L-Att dwar is-Servizzi Diġitali***

Is-servizzi diġitali huma preżenti fil-partijiet kollha tal-ekonomija u saru element dejjem aktar komuni fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali se jkollu l-għan li jiżgura li l-pjattaformi diġitali u s-servizzi li joffru jkunu hemm biex jaqdu liċ-ċittadini minflok bil-kontra, u li ekosistema b'saħħitha ta' atturi diġitali, inkluż mill-Ewropa, tkun tista' tiżviluppa u tistinka fis-setturi kollha tal-ekonomija. Sabiex jinkisbu dawn l-oġettivi ambizzjużi, kwalunkwe inizzjattiva leġiżlattiva f'dan is-settur, inkluż L-Att dwar is-Servizzi Diġitali, tkun teħtieġ li tindirizza kwistjonijiet kumplessi. Dawn jinkludu t-titjib tar-responsabbiltà tagħna u r-regoli ta' sikurezza għal pjattaformi, servizzi u prodotti diġitali, it-trattament tal-hekk imsejja "ħaddiema tal-pjattaformi", kif ukoll ir-rwol ta' ċerti pjattaformi bħala gwardjani għall-utenti u għan-negozji f'għadd ta' setturi ewlenin tal-ekonomija diġitali.

Minħabba l-kumplessità tal-kwistjonijiet involuti, tkun meħtieġa konsultazzjoni wiesgħa u bir-reqqa tal-partijiet interessati kollha. Għaldaqstant, kull inizzjattiva leġiżlattiva f'dan il-qasam se ssegwi analiżi robusta bbażata fuq l-evidenza u djalogu inklużiv bejn il-partijiet interessati. Se nħarsu bir-reqqa lejn l-impatt tagħha b'mod ġenerali u niżguraw li r-regoli l-ġodda tagħna jkunu mmirati, proporzjonati u faċli biex jiġu rispettati, mingħajr ma tinħoloq burokrazija mhux meħtieġa.

### ***L-Intelliġenza Artifiċjali***

L-intelliġenza artifiċjali tista' sservina f'ħafna setturi tal-ekonomija, bħas-saħħa, it-trasport, il-komunikazzjoni u l-edukazzjoni. Dan jista' jippermetti awtomazzjoni fuq skala kbira ta' deċiżjonijiet u proċessi li għandhom potenzjal enormi li jżidu l-kwalità, l-effiċjenza u l-

produttività. Se jkollha impatt fuq ħafna aspetti ta' ħajjitna, minn karozzi awtonomi għal proċeduri mediċi mtejba. Fl-istess ħin, din it-teknoloġija, li hija bbażata fuq tagħlim awtonomu u algoritmi li jtejbu lilha nnifisha, tista' tqajjem ħafna kwistjonijiet ta' politika, pereżempju kwistjonijiet bħal responsabbiltà jew aċċettazzjoni soċjali. F'dan il-kuntest, il-President elett inkarigatni biex nikkoordina l-ħidma dwar approċċ Ewropew dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, inklużi l-implikazzjonijiet umani u etiċi tagħha. Dan l-isforz se jikkontribwixxi għal fluss ta' xogħol usa' dwar il-politika industrijali u s-sovranità teknoloġika, hekk kif għandna niżguraw li ċ-ċittadini u l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jaħdsu l-benefiċċji ta' din it-teknoloġija kif ukoll isawru l-iżvilupp tagħha. Il-ħidma tagħna se tibni wkoll fuq il-kisbiet ta' politika eżistenti, b'mod partikolari l-linji gwida etiċi li ġew adottati f'Ġunju 2019. L-applikazzjoni tagħhom qiegħda tiġi ttestjata bħalissa.

Għalhekk hija l-intenzjoni tagħna fl-ewwel 100 jum tal-Kummissjoni l-ġdida li nressqu proposti li jiżviluppaw l-approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali.

L-għan tagħna huwa li nippromwovu l-użu ta' applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali. Irridu niżguraw li l-iskjerament tagħha fil-prodotti u s-servizzi jitwettaq b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, u jiffunzjona b'mod affidabbli (legali, etiku u robust) madwar is-Suq Uniku. Dan l-approċċ irid jipprovdi ċarezza regolatorja, jispira fiduċja, irawwem il-kunfidenza, u jinċentiva l-investment fl-industrija Ewropea. Dan għandu jtejjeb l-iżvilupp u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-UE filwaqt li jħares il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa. Bħala parti mill-approċċ tagħna għal qafas ġenerali għall-Intelliġenza Artifiċjali se nirvedu wkoll il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-sikurezza u r-responsabbiltà applikabbli għall-prodotti u s-servizzi. Dan se jiżgura b'mod partikolari li l-konsumaturi jibbenefikaw mill-istess livelli ta' protezzjoni indipendentement minn jekk humiex qed jużaw prodotti tradizzjonali jew prodotti intelliġenti, b'mezzi diġitali (eż. frigi intelliġenti, arloġġi intelliġenti, assistenti kkontrollati bil-vuċi).

Minħabba l-kumplessità tal-kwistjonijiet involuti, tkun meħtieġa konsultazzjoni wiesgħa u bir-reqqa tal-partijiet interessati kollha, inklużi dawk li pparteċipaw fil-proġett pilota dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-etika żviluppata mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli. Se nħarsu bir-reqqa lejn l-impatt tagħha b'mod ġenerali u niżguraw li r-regoli l-ġodda tagħna jkunu mmirati, proporzjonati u faċli biex jiġu rispettati, mingħajr ma tinħoloq burokrazija mhux meħtieġa.

### ***Rabtiet mal-Ftehim Ekoloġiku Ewropew (Green Deal) u l-mira tal-2050 dwar in-newtralità tal-klima***

L-istrateġija industrijali Ewropea tagħna għandha tikkomplimenta t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u newtrali għall-klima. L-istimolu tal-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali, pereżempju, jista' jagħti kontribut importanti lejn ekonomija newtrali għall-klima billi jtejjeb il-ħżin tal-enerġija tagħna, billi jżid l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti u tas-servizzi, jew billi jottimizza l-għażla tas-siti adatti għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. B'dan il-mod, l-istrateġija l-ġdida tal-industrija se tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

### ***Il-prinċipju ta' "One In, One Out"***

Il-leġiżlazzjoni tal-UE tista' tikseb l-oġġettivi u tagħti benefiċċji li l-Istati Membri li jaġixxu b'mod separat ma jistgħux jilħqu. Madankollu, biex jinkisbu l-oġġettivi tagħha, il-leġiżlazzjoni tal-UE tista' twassal għal piżijiet fuq il-benefiċjarji jew l-utenti finali. Il-

prinċipju ta' "One In, One Out" se jtaffi dawn il-piżijiet: kull proposta leġiżlattiva li toħloq piżijiet ġodda għandha teħles lin-nies u lin-negozji minn piż eżistenti ekwivalenti fil-livell tal-UE fl-istess qasam ta' politika.

Il-prinċipju ta' "One In, One Out" se jiġi applikat billi wieħed iħares lejn qasam sħiħ ta' politika. Dan se jiżgura li niksbu l-oġġettivi politiċi globali tagħna b'mod effiċjenti u bl-inqas piż u li l-Kummissjoni għandha l-libertà li taġixxi fejn meħtieġ.

L-istrument il-ġdid biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' "One In, One Out" se jiġi żviluppat mill-Viċi President għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva.

### ***Implimentazzjoni u Infurzar***

Is-Suq Uniku jipprovdi opportunitajiet enormi għan-negozji Ewropej kif ukoll għażla akbar u prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi. Madankollu, dawn il-benefiċċji jistgħu jinkisbu biss jekk ir-regoli tas-Suq Uniku jiġu implimentati, applikati u infurzati kif suppost. L-infurzar mhux uniformi tar-regoli tal-UE jdgħajjed il-kundizzjonijiet ekwi għan-negozji fis-Suq Uniku tagħna. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' konformità mar-regoli tas-Suq Uniku jpoġġi s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi f'riskju ta' ħsara.

Fid-dawl tar-rwol tagħha bħala gwardjan tat-Trattati, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw u jinfurzaw kif xieraq ir-regoli tal-Unjoni. Din hija waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni u hija prijorità ewlenija għaliha. Il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Uniku huwa għan kondiviż u responsabbiltà tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

L-attivitajiet tiegħi f'dan il-qasam għalhekk se jiffokaw fuq l-iżvilupp u t-tiżiħ ulterjuri tas-sħubija mal-Istati Membri. Se nibda' mill-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u se nkun irrid nisma' mill-Istati Membri dwar kif il-Kummissjoni tista' tappoġġahom aktar fil-ħidma tagħhom. Fir-rigward tal-infurzar, se nimmobilizza l-ġħodod eżistenti kollha biex titjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali. Se nħares wkoll lejn kif nistgħu nappoġġaw aktar il-kapaċità u l-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali biex insaħħu l-infurzar sabiex nindirizzaw il-problemi persistenti, bħall-importazzjoni ta' prodotti mhux konformi. Dan se jibni fuq l-implimentazzjoni ta' inizjattivi leġiżlattivi reċenti, bħar-riforma tal-qafas ta' sorveljanza tas-suq għall-prodotti, u inizjattivi preċedenti li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni amministrattiva, l-iskambju ta' informazzjoni u azzjonijiet konġunti ta' infurzar, pereżempju fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumatur.

### **It-Tieni Mistoqsija**

**Bħala Viċi President Eżekuttiv għal Ewropa adattata għall-Era Diġitali, kif se tiżgura li inti u s-servizzi tiegħek tikkoordinaw b'mod effiċjenti mal-Kummissarji li l-oqsma ta' politika tagħhom għandhom impatt fuq il-ħidma tiegħek, jew li huma affettwati minnha, b'mod partikolari l-Kummissarju għas-Suq Intern u l-Kummissarju għall-Innovazzjoni u Ż-Żgħażaġħ? Fil-kapaċità tiegħek bħala Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għall-kompetizzjoni, kif tipprevedi r-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-istrateġija industrijali Ewropea futura? Kif se tiżgura personalment il-kwalità tajba tal-proposti leġiżlattivi, it-trasparenza sħiħa tal-attivitajiet tal-lobbying (diretti lejk u lejn is-servizzi tiegħek), u l-konsultazzjoni konsistenti u bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati kollha filwaqt li tqis ukoll il-ħtieġa li jitwettqu valutazzjonijiet tal-**



## **impatt bir-reqqa, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-impatt tal-leġislazzjoni kollha proposta fuq l-SMEs?**

### ***Koordinazzjoni mal-Kummissarji***

Bħala Viċi-President Eżekuttiv għal Ewropa Lesta għall-Era Diġitali, se mmexxi Grupp ta' Kummissarji biex imexxi x-xogħol fuq din il-prijorità u biex niżgura li l-aspetti kollha tal-politika jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ. Biex inwettqu l-inizjattivi ewlenin stabbiliti fil-Linji Gwida Poliċi, se naħdem partikolarment mill-qrib mal-Kummissarju għas-Suq Intern u l-Kummissarju għall-Innovazzjoni u ż-Żgħażaġġ, bil-għan li tinbena sħubija ġenwina bbażata fuq metodu ta' ħidma miftuħ, inklużiv u kooperattiv. Laqgħat regolari tal-Grupp tal-Kummissarji u laqgħat tal-Viċi President Eżekuttiv mal-Kummissarji u l-maniġment superjuri tas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni (*Jour Fixes* u *Strategic Jour Fixes*) se jgħinu biex jittieħed kont tal-progress tagħna u jiżguraw li aħna kollettivament qed naħdmu lejn l-istess objettivi.

Bl-għajjnuna ta' gruppi bejn is-servizzi, se jiġi żgurat l-istess livell ta' sħubija u kooperazzjoni fil-livell tekniku, filwaqt li jintużaw l-għarfien espert u l-kreattività tas-servizzi tal-Kummissjoni.

### **Ir-rwol tal-politika tal-kompetizzjoni fir-rigward tal-istrateġija industrijali Ewropea tal-ġejjieni**

Il-politika tal-kompetizzjoni hija pedament tas-Suq Uniku. Dan jiżgura li n-negozji jkunu jistgħu jikkompetu fuq termini ugwali fis-Suq Uniku u li, konsegwentement, il-konsumaturi Ewropej jibbenefikaw minn prezzijiet baxxi u għażla akbar ta' prodotti u servizzi ta' kwalità aħjar u aktar innovattivi. Il-kompetizzjoni ġusta hija wkoll mutur ewleni tal-kompetittività tal-kumpaniji, u tiżgura li l-kumpaniji jkollhom inċentivi biex jinnovaw u jinvestu, u għalhekk jibqgħu kompetittivi globalment. Ir-regoli tal-kompetizzjoni mhumiex ostaklu għal-kumpaniji Ewropej biex jespandu u jirnexxu fis-swieq globali. Il-politika tal-kompetizzjoni u l-politika industrijali għalhekk jimxu id f'id.

Minkejja dan, huwa kruċjali li jiġi żgurat li r-regoli tal-kompetizzjoni jkunu aġġornati fir-rigward tal-iżviluppi tas-suq u dawk teknoloġiċi.

Fil-fatt, matul il-mandat attwali tiegħi diġà nedejt ir-reviżjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni li japplikaw għal ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali (l-hekk imsejja "regolament orizzontali ta' eżenzjoni ġenerali" u l-linji gwida għall-valutazzjoni ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali) u għal ftehimiet vertikali (l-hekk imsejja "regolament ta' eżenzjoni ġenerali vertikali" u l-linji gwida għall-valutazzjoni ta' restrizzjonijiet vertikali). F'dak li għandu x'jaqsam mal-għajjnuna mill-Istat, il-Kummissjoni bħalissa qed tevalwa l-biċċa l-kbira tal-linji gwida tagħha biex tiddetermina jekk għadhomx adattati għall-iskop ("kontroll tal-idoneità"). Ladarba jkollna r-riżultati tal-kontrolli tal-idoneità, se jkollna bażi għall-kunsiderazzjoni ta' reviżjoni potenzjali futura tar-regoli.

B'mod aktar ġenerali, matul il-mandat attwali tiegħi, nedejt proċess ta' riflessjoni dwar l-adeqgatezza tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE fl-era diġitali, li wasslet għal konferenza hawnhekk fi Brussell f'Jannar u rapport abbozzat minn tliet Konsulenti Speċjali dwar id-diġitalizzazzjoni u l-kompetizzjoni li ġie ppubblikat f'April 2019. Ir-rapport jinkludi diversi suġġerimenti dwar kif għandu jtfassal l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni fil-mandat li jmiss.

Pereżempju, b'rispett speċifiku għall-kontroll tal-amalgamazzjonijiet, il-Konsulenti Speċjali ssuġġerew li huwa kmieni wisq biex jinbidlu l-limiti ta' notifika ta' fużjoni tal-UE biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-hekk imsejħa "akkwiżizzjonijiet qattela", billi jiżdedu limiti bbażati fuq il-valur ta' tranżazzjoni. F'dan ir-rigward, ninsab konvint li l-infurzar tal-fużjonijiet tagħna jrid ikopri l-fużjonijiet kollha li jistgħu jagħmlu ħsara lill-kompetizzjoni bejn il-fruntieri fis-Suq Uniku. Għalhekk, se tkun waħda mill-prijoritajiet tiegħi li jiġi eżaminat jekk ir-regoli attwali dwar il-fużjoni jippermettulniex li nikkondividu biżżejjed il-ftehimiet importanti kollha li jista' jkollhom dan l-effett.

Bħala konklużjoni, se tkompli tkun prijorità assoluta tiegħi li niżgura li r-regoli tal-kompetizzjoni jibqgħu adattati għall-iskop tagħhom, b'mod partikolari f'ekonomija diġitali.

### **Il-kwalità tal-proposti leġiżlattivi, it-trasparenza tal-attivitajiet tal-lobbying, il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Nemmen bis-sħiħ li konsultazzjoni bir-reqqa tal-partijiet interessati ewlenin kollha, inklużi, iżda mhux biss, l-SMEs, hija kruċjali biex tiġi żgurata l-kwalità tajba ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva. Dan huwa aktar u aktar il-każ meta proposti bħal dawn ikollhom jindirizzaw kwistjonijiet kumplessi ħafna, bħal dawk li huma relatati mas-servizzi diġitali u l-intelliġenza artifiċjali. Fi kliem ieħor, fil-fehma tiegħi, il-kwalità tal-leġiżlazzjoni u l-konsultazzjoni mal-partijiet interessati jmorru id f'id. Il-konsultazzjoni xierqa mal-partijiet interessati għalhekk se tkun essenzjali biex jiġi infurmat il-kontenut ta' kwalunkwe proposta leġiżlattiva li se nressaq.

Fir-rigward tat-trasparenza tal-attivitajiet ta' lobbying, konsistenti ma' dak li għamilt fil-mandat attwali tiegħi bħala Kummissarju għall-Kompetizzjoni, se nkompli nippubblika kwalunkwe laqgħa, li ma tikkonċernax każijiet li għadhom għaddejjin, li l-persunal tiegħi jew li jien se jkolli mal-partijiet interessati fir-Reġistru ta' Trasparenza tal-Kummissjoni.

### **It-Tielet Mistoqsija**

**Kif se tiżguraw inti u s-servizzi tiegħek kooperazzjoni msaħħa mal-Kumitat ITRE? Beħsiebek tidher b'mod regolari fil-laqgħat tal-Kumitat ITRE fil-kuntest tad-djalogu strutturat? X'passi konkreti se tieħu biex tiżgura li l-Kumitat ITRE jingħata f'waqt u b'mod proattiv l-istess informazzjoni, bħall-Kunsill u l-Istati Membri, fir-rigward ta' inizjattivi leġiżlattivi ppjanati jew inizjattivi ewlenin oħra? Kif se tiffaċilita l-iskrutinju mill-Kumitat ITRE ta' proċeduri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi, filwaqt li tipprovi fi stadju bikri l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar it-tħejjija ta' atti leġiżlattivi, atti delegati u ta' implimentazzjoni, u tiffaċilita l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom? Kif beħsiebek tiżgura li l-ITRE jinżamm infurmat kif xieraq u jkun involut b'rabta ma' kwalunkwe ftehim internazzjonali fil-qasam ta' politika tiegħek?**

### ***Kooperazzjoni mal-ITRE***

Il-parti Ewropea tad-demokrazija tagħna hija bbażata fuq fiduċja reċiproka u ftuħ. Dan huwa fundamentali jekk il-Parlament għandu jeżerċita b'mod effikaċi s-sorveljanza demokratika tiegħu. F'dan l-ispirtu, jien nimpenja ruħi fi djalogu kostruttiv u regolari mal-Parlament Ewropew.

Beħsiebni niżviluppa relazzjoni ta' ħidma mill-qrib ħafna mal-Parlament Ewropew u l-kumitati tiegħu, inkluż mal-Kumitat għall-Industrija, it-Trasport u l-Enerġija. Se nattendu l-

laqgħat tal-Kumitat b'mod regolari u se niżgura fluss frekwenti u dirett ta' informazzjoni. Jien disponibbli għal diskussjonijiet informali u kuntatti bilaterali mal-Membri tagħkom.

Din il-kooperazzjoni mill-qrib hija importanti ħafna għalija. Jekk niġi kkonfermata, waħda mill-prijoritajiet immedjati tiegħi se tkun li nmexxi 'l quddiem, flimkien mal-Viċi President Eżekuttiv għal Ekonomija għas-Servizz tan-Nies, il-ħidma fuq strateġija fit-tul għall-futur industrijali tal-Ewropa. Se jkollni bżonn l-appoġġ tagħkom għal din l-inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni l-ġdida. Nittama wkoll li nibbenefika minn kontribut u kontribuzzjoni siewja tal-Parlament dwar il-kwistjonijiet kollha li ddeskrivejt iktar kmieni.

### ***Il-ftehimiet internazzjonali***

Għal ftehimiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi, nimpjenja ruħi li niżgura li l-Parlament jinżamm infurmat bis-sħiħ, fl-istadji kollha tan-negozjati. Dan jinkludi:

- il-kondiviżjoni mal-Parlament l-abbozzi kollha tad-direttivi ta' negozjar li huma rakkomandati lill-Kunsill;
- il-briefings regolari lill-Parlament Ewropew qabel avvenimenti ewlenin u fi stadji ewlenin dwar in-negozjati internazzjonali;
- il-kondiviżjoni mal-Parlament Ewropew, it-test ta' ftehimiet internazzjonali fi tmiem in-negozjati, kif inizjalat min-Negozjaturi Ewlenin;

Madankollu, il-modalitajiet preċiżi biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni, fejn tkun sensittiva u/jew klassifikata, jeħtieġ li jiġu elaborati, inklużi l-passi xierqa li għandhom jittieħdu f'każ ta' żvelar mhux ġustifikat tad-dokumenti nfushom jew tal-kontenut tagħhom, filwaqt li jitqies ukoll il-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni.

### **Mistoqsijiet mill-Kumitat għas-Suq Intern:**

#### **L-Ewwel Mistoqsija**

**Wara l-azzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali 2015, x'se jkun is-sena l-aktar azzjonijiet strateġiċi importanti meħtieġa biex jitlesta s-Suq Uniku Diġitali għall-konsumaturi u n-negozji? X'azzjoni se tiegħi biex tiżgura li l-inizjattivi regolatorji eżistenti u futuri jippromwovu l-opportunitajiet ekonomiċi u l-innovazzjoni diġitali, filwaqt li tiżgura li l-ċittadini kollha jibbenefikaw mid-diġitizzazzjoni? Kif qed tippjana li taħdem ma' Kummissarji oħra biex tiżgura approċċ koerenti għat-tfassil tal-politika sabiex l-Ewropa tkun adattata għall-Era Diġitali?**

#### ***Azzjonijiet strateġiċi biex jikkompletaw is-Suq Uniku Diġitali***

Il-Kummissjoni attwali poġġiet pedamenti b'saħħithom għal Ewropa xierqa għall-era diġitali bil-miżuri adottati skont l-istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali. L-infurzar ta' dawn ir-regoli se jkun essenzjali fis-snin li ġejjin, sabiex isiru realtà għaċ-ċittadini u n-negozji. Is-swieq u t-teknoloġiji jkomplu jevolvu. Irridu niżguraw li l-Ewropa jkollha rwol ewleni fit-tiswir tad-dinja diġitali tal-futur. B'dan il-mod, inkunu nistgħu niżguraw li l-valuri Ewropej jiġu rispettati, il-konsumaturi protetti u n-negozji jiffjorixxu. L-Ewropa ma għandha l-ebda nuqqas ta' ideat kummerċjali diġitali innovattivi iżda huma biss f'it mill-kumpaniji innovattivi Ewropej tagħna li qegħdin jikbru u jespandu fl-Ewropa jew isawru dawn is-swieq dinjija

emerġenti. L-intelliġenza artifiċjali x'aktarx li jkollha rwol kruċjali f'dawn l-iżviluppi, u l-President elett inkarigatni biex nikkoordina l-ħidma dwar approċċ Ewropew f'dan il-qasam. L-intelliġenza artifiċjali qed tinbidel malajr f'waħda mill-aktar teknoloġiji importanti tas-seklu 21. Qed jinħolqu opportunitajiet ġodda fis-setturi kollha tal-ekonomija, kemm jekk is-saħħa, il-mobilità, l-industrija, il-finanzi jew l-agrikoltura. Dan għandu potenzjali maġġuri għall-kompetittività u t-tkabbir tal-Ewropa fil-ġejjieni. Sabiex jinkisbu dawn il-benefiċċji, neħtieġu azzjoni koordinata madwar l-Ewropa biex jiżjed l-investment, issir disponibbli aktar *data*, jitrawwem it-talent u tiġi żgurata l-fiduċja.

Ninsab konvinta li s-Suq Uniku huwa l-ġojjell tagħna. Il-moviment liberu tal-merkanzija, tas-servizzi, tal-persuni u tal-kapital joffri ħafna opportunitajiet kemm għan-nies kif ukoll għan-negozji. Ma nistgħux nibqgħu nagħmlu distinzjoni bejn is-swieq tradizzjonali u l-industrija diġitali. Għall-kuntrarju, irridu nużaw l-għodod kollha disponibbli biex inġibu l-ekonomija u s-soċjetà tagħna fis-seklu 21. Waħda mill-prijoritajiet f'dan il-kuntest se tkun l-Att il-ġdid dwar is-Servizzi Diġitali, li għandu l-għan li jaġġorna r-regoli tagħna għall-pjattaformi, is-servizzi u l-prodotti online. Fl-aħħar nett, l-UE għandha tiżgura trasformazzjoni diġitali inklużiva li hija ta' benefiċċju għal kulħadd. Jeħtieġ li nżidu l-isforzi fl-UE kollha biex niżguraw infrastruttura ta' konnettività xierqa u ta' kwalità għolja. Jeħtieġ ukoll li nindirizzaw kwalunkwe tfixkil potenzjali fis-suq tax-xogħol. L-investment fil-ħiliet, b'mod partikolari l-ħiliet diġitali, se jkun tal-akbar importanza biex tiġi indirizzata d-diskrepanza tal-ħiliet li qed tikber fis-soċjetà. Id-diġitalizzazzjoni qed iżżid bil-kbir id-domanda għall-ispeċjalisti tal-ICT fis-suq tax-xogħol. Iżda dan waħdu mhux biżżejjed: jeħtieġ ukoll li nagħtu spinta lill-ħiliet bażiċi fost il-forza tax-xogħol u l-popolazzjoni inġenerali. Il-litteriżmu diġitali jrid ikun pedament għal kulħadd.

### ***Koordinazzjoni ma' Kummissarji oħra biex tiġi żgurata politika diġitali koerenti***

Bħala Viċi-President Eżekuttiv għal Ewropa Lesta għall-Era Diġitali, se mmexxi Grupp ta' Kummissarji biex imexxi x-xogħol fuq din il-prijorità u jiżgura li d-dimensjonijiet kollha ta' politika jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ. Sabiex inwettqu l-inizjattivi ewlenin stabbiliti fil-Linji Gwida Poliċi, se naħdem partikolarment mill-qrib mal-Kummissarju għas-Suq Intern u l-Kummissarju għall-Innovazzjoni u ż-Żgħażaġġ, bil-għan li nibni sħubija ġenwina bbażata fuq metodu ta' ħidma miftuħ, inklużiv u kooperattiv. Laqgħat regolari tal-Grupp tal-Kummissarji u *Jour Fixes* se jgħinu biex jittieħed kont tal-progress tagħna u jiżguraw li aħna qegħdin naħdmu flimkien biex nilħqu l-istess objettivi.

Bl-għajnuna ta' gruppi bejn is-servizzi, se jiġi żgurat l-istess livell ta' sħubija u kooperazzjoni fil-livell tekniku, filwaqt li jintużaw it-talent, l-għarfien espert u l-kreattività tas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni.

### **It-Tieni Mistoqsija**

**Ir-Rivoluzzjoni Diġitali biddlet il-mod li bih nagħmlu n-negozju, niskambjaw merkanzija u servizzi jew ninteraġixxu soċjalment, u għabet diversi sfidi ġodda għal dawk li jfasslu l-politika. Matul l-aħħar mandat, ittieħdu ħafna passi biex jitlestha s-suq uniku diġitali, iżda għad hemm ħafna lakuni li jeħtieġ li jiġu indirizzati. F'dan is-sens, is-servizzi diġitali huma fundamentali għall-prosperità u l-kompetittività tal-fornituri tas-servizzi Ewropej, kif ukoll għall-benesseri tal-konsumaturi. Il-President Elett tal-Kummissjoni Elen Ursula von der Leyen ħabbret Att dwar is-Servizzi Diġitali ġdid, li jista' jkun pass addizzjonali 'l quddiem biex ikun ikkonsolidat is-suq uniku diġitali. Liema regolamenti eżistenti qed tara bħala fundamentali għad-DSM u se tipproponi li**

**tħares u ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-libertajiet tas-suq uniku fid-DSM, tiżgura ekwità u trasparenza, toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji diġitali kollha u l-protezzjoni tal-konsumaturi, kif ukoll l-obbligu ta' rendikont? Dan l-Att il-ġdid se jinkludi reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kummerè Elettroniku, u b'mod speċifiku fil-qasam tal-obbligu tal-intermedjarji?**

It-trasformazzjoni diġitali u industrijali tal-ekonomija tal-UE se teħtieġ investimenti pubbliċi u privati sostanzjali fir-riċerka u l-innovazzjoni, infrastruttura aġġornata u sigura kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji ġodda. Ħafna mill-programmi ta' finanzjament tal-UE taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, bħal Orizzont Ewropa, il-Programm Ewropa Diġitali u InvestEU, se jgħinu biex jiżdiedu l-investimenti f'oqsma strateġiċi, bħar-riċerka, id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Se naħdem mal-kollegi tiegħi l-Kummissarji inkarigati minn dawn il-programmi biex inkunu nistgħu nikkonkludu n-negozjati fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill malajr kemm jista' jkun.

Is-servizzi diġitali huma preżenti fil-partijiet kollha tal-ekonomija u saru element dejjem aktar komuni fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej. L-Att dwar is-Servizzi Diġitali se jkollu l-għan li jiżgura li l-pjattaformi diġitali u s-servizzi li joffru jkunu hemm biex jaqdu liċ-ċittadini minflok bil-kontra, u li ekosistema b'saħħitha ta' atturi diġitali, inkluż mill-Ewropa, tkun tista' tiżviluppa u tistinka fis-setturi kollha tal-ekonomija. Sabiex jinkisbu dawn l-oġettivi ambizzjużi, kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva f'dan is-settur, inkluż l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, tkun teħtieġ li tindirizza kwistjonijiet kumplessi. Dawn jinkludu, fost l-oħrajn, titjib fir-regoli dwar ir-responsabbiltà u s-sikurezza tagħna għal pjattaformi diġitali, servizzi u prodotti, it-trattament tal-hekk imsejħa "ħaddiema tal-pjattaformi", kif ukoll ir-rwol ta' ċerti pjattaformi bħala gwardjani għall-utenti u għan-negozji f'għadd ta' setturi ewlenin tal-ekonomija diġitali.

Minħabba l-kumplessità tal-kwistjonijiet involuti, tkun meħtieġa konsultazzjoni wiesgħa u bir-reqqa tal-partijiet interessati kollha. Għaldaqstant, kull inizjattiva leġiżlattiva f'dan il-qasam se ssegwi analiżi robusta bbażata fuq l-evidenza u djalogu inklużiv bejn il-partijiet interessati. Se nħarsu bir-reqqa lejn l-impatt tagħha b'mod ġenerali u niżguraw li r-regoli l-ġodda tagħna jkunu mmirati, proporzjonati u faċli biex jiġu rispettati, mingħajr ma tinħoloq burokrazija mhux meħtieġa.

## **It-Tielet Mistoqsija**

**Żviluppi ġodda fl-isfera diġitali joħlqu opportunitajiet ekonomiċi iżda wkoll sfidi għall-protezzjoni tal-konsumatur. Fil-kuntest ta' qafas regolatorju ġdid tal-IA għal merkanzija u servizzi attivati bl-IA, x'azzjoni se tieħu biex tippromwovi l-kompetittività globali tan-negozji Ewropej u biex iżżid iċ-ċarezza regolatorja għalihom u għall-korpi superviżorji, filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari billi tiżgura li l-algoritmi ta' tagħlim awtomatiku jkunu trasparenti u spjegabbli, jużaw data ta' kwalità għolja, u ma jesponux lill-konsumaturi għal diskriminazzjoni jew għal Prattiki kummerċjali żleali?**

L-Intelliġenza Artifiċjali tista' sservina f'diversi setturi tal-ekonomija, inklużi s-saħħa, it-trasport u l-edukazzjoni billi tippermetti awtomazzjoni fuq skala wiesgħa ta' deċiżjonijiet u proċessi li għandha potenzjal enormi li żżid il-kwalità, l-effiċjenza u l-produttività fis-setturi ekonomiċi kollha. Se jkollha impatt fuq ħafna aspetti ta' ħajjitna, minn karozzi awtonomi għal proċeduri mediċi mtejba. Fl-istess ħin, din it-teknoloġija, li hija bbażata fuq tagħlim

awtonomu u algoritmi li jtejbu lilha nnifisha, tista' tqajjem ħafna kwistjonijiet ta' politika, pereżempju kwistjonijiet bħal responsabbiltà jew aċċettazzjoni soċjali. F'dan il-kuntest, il-President elett inkarigatni biex nikkoordina l-ħidma dwar approċċ Ewropew dwar l-Intelliġenza Artifiċjali, inklużi l-implikazzjonijiet umani u etiċi tagħha. Dan l-isforz se jikkontribwixxi għal fluss ta' xogħol usa' dwar il-politika industrijali u s-sovranità teknoloġika, hekk kif għandna niżguraw li ċ-ċittadini u l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jaħdsu l-benefiċċji ta' din it-teknoloġija kif ukoll isawru l-iżvilupp tagħha. Il-ħidma tagħna se tibni wkoll fuq il-kisbiet ta' politika eżistenti, b'mod partikolari l-linji gwida etiċi li adottajna f'Ġunju 2019, u li bħalissa qed jiġu implimentati minn għadd ta' partijiet interessati bħala parti minn proġett pilota.

Għalhekk hija l-intenzjoni tagħna fl-ewwel 100 jum tal-Kummissjoni l-ġdida li nressqu proposti li jiżviluppaw l-approċċ Ewropew għall-Intelliġenza Artifiċjali.

L-objettiv tagħna huwa li niżguraw u nipromwovu l-użu ta' applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali u ta' każijiet ta' użu konkret għal din it-teknoloġija, kif ukoll biex jiġi żgurat li l-użu tagħha fil-prodotti u s-servizzi jitwettagħ b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, u jiffunzjona b'mod affidabbli (legali, etiku u robust) fis-Suq Uniku. Dan l-approċċ irid jipprovi ċarezza regolatorja, jispira fiduċja, irawwem il-kunfidenza, u jinċentiva l-investment fl-industrija Ewropea. Dan għandu jtejjeb l-iżvilupp u l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fl-UE filwaqt li jħares il-kapaċità tal-innovazzjoni tal-Ewropa. Bħala parti mill-approċċ tagħna għal qafas ġenerali għall-Intelliġenza Artifiċjali se nirvedu wkoll il-leġislazzjoni eżistenti dwar is-sikurezza u r-responsabbiltà applikabbli għall-prodotti u s-servizzi. Dan se jiżgura b'mod partikolari li l-konsumaturi jibbenefikaw mill-istess livelli ta' protezzjoni indipendentement minn jekk humiex qed jużaw prodotti tradizzjonali jew prodotti intelliġenti, b'mezzi diġitali (eż. friġġ intelliġenti, arloġġi intelliġenti, assistenti kkontrollati bil-vuċi).

Minħabba l-komplessità tal-kwistjonijiet involuti, tkun meħtieġa konsultazzjoni wiesgħa u bir-reqqa tal-partijiet interessati kollha, inklużi dawk li pparteċipaw fil-proġett pilota dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida dwar l-etika żviluppata mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli. Se nħarsu bir-reqqa lejn l-impatt tagħha b'mod ġenerali u niżguraw li r-regoli l-ġodda tagħna jkunu mmirati, proporzjonati u faċli biex jiġu rispettati, mingħajr ma tinħoloq burokracija mhux meħtieġa.

## **Mistoqsijiet mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji:**

### **L-Ewwel Mistoqsija**

**Kif se tiżgura separazzjoni ċara bejn iż-żewġ elementi ewlenin tal-portafoll tiegħek, dak tal-kompetizzjoni u dak diġitali? Kif qed taħseb li timmaniġġa kompromessi possibbli bejn it-tfassil tal-istrateġija tal-kompetizzjoni u dik diġitali u fl-aħħar mill-aħħar tagħmel ir-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE adattati għall-iskop tagħhom fl-era diġitali? Fid-dawl tal-aħħar żviluppi, qed tippjana li taġġorna l-kunċett ta' "suq rilevanti" kif meħtieġ biex tiġi vvalutata l-eżistenza ta' pożizzjonijiet dominanti rilevanti?**

### ***Separazzjoni ċara bejn l-elementi differenti tal-portafoll***

Il-kredibbiltà tal-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE tiddependi fuq it-trattament indipendenti u imparzjali ta' każijiet individwali, b'rispett sħiħ għall-integrità u l-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet.

Din hija r-raġuni għaliex, il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'każijiet individwali fih numru ta' kontrolli u bilanċi interni, inkluż Ekonomista Prinċipali indipendenti u s-Servizz Legali, flimkien mal-kolleġjalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. Dawn huma mmirati preċiżament biex jiżguraw l-indipendenza u l-imparzjalità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni. U m'għandniex ninsew ir-rwol tal-Qrati Ewropej, li l-kompitu tagħhom huwa li jiżguraw il-legalità — fuq is-sustanza u l-proċess — tad-deċiżjonijiet adottati mill-Kummissjoni fil-qasam tal-liġi dwar il-kompetizzjoni.

Kif għidt ripetutament, l-indipendenza fil-ġurisprudenza tagħna hija sempliċement mhux negoziabbli.

Kif għamilt meta ħadt il-ġurament meta bdejt il-kariga fl-2014, jien se nkompli ninfurza l-liġi mingħajr biża' jew favur, u nibqa' impenjata għall-prinċipji ta' ġustizzja, ta' amministrazzjoni tajba, ta' trasparenza u ta' proċess ġust.

### ***Possibbiltà ta' kompromessi bejn l-elementi differenti tal-portafoll***

Minkejja dan, il-politika tal-kompetizzjoni hija parti mill-għanijiet ġenerali tal-Kummissjoni u għandha tgħin biex dawn jintlaħqu.

Ir-regoli tal-kompetizzjoni u l-infurzar ma jistgħux jindirizzaw l-isfidi kollha tat-trasformazzjoni diġitali. Ir-regolamentazzjoni u l-infurzar tal-kompetizzjoni għandhom jaħdmu id f'id, jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin. L-infurzar tal-kompetizzjoni qajjem u kkumplementa inizjattivi regolatorji f'ħafna oqsma fil-passat u huwa essenzjali li l-proposti regolatorji jiġu infurmati permezz ta' politika soda dwar il-kompetizzjoni. Iżda kull għodda għandha r-rwol tagħha. Meta nidentifikaw problemi sistemiċi fit-tħaddim tas-swieq tagħna jew meta l-għerq tal-problema ma jkunx kompetizzjoni difettuża, ir-regolamentazzjoni hija soluzzjoni aħjar.

Għal din ir-raġuni li ma nara l-ebda kompromess bejn iż-żewġ partijiet tal-portafoll tiegħi, iżda pjuttost sinerġiji: se jippermettilu nuża l-għarfien u l-għarfien ġenerali tas-suq miksub taħt il-portafoll tal-kompetizzjoni fit-tfassil ta' inizjattivi regolatorji f'materji diġitali.

### ***Regoli tal-kompetizzjoni tal-UE adattati għall-era diġitali***

Hemm klima ta' riflessjoni mifruxa dwar il-kompetizzjoni fl-ekonomija diġitali madwar id-dinja.

Meta l-President elett talbitni, fl-Ittra ta' Missjoni tiegħi, li nieħu responsabbiltà biex l-Ewropa ssir lesta għall-era diġitali kif ukoll biex inkompli l-ħidma tiegħi dwar il-kompetizzjoni, hija enfasizzat li rridu niffukaw biex is-swieq isiru aktar attivi għas-soċjetà, il-konsumaturi u n-negozji. Hija enfasizzat ukoll li għandna nappoġġaw l-industrija biex nadattaw għall-globalizzazzjoni u għat-tranżizzjoni kkawżata mill-globalizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u sostenibbli.

Matul il-mandat tiegħi bħala Kummissarju għall-Kompetizzjoni, tgħallimt ħafna dwar dak li nistgħu u ma nistgħux nagħmlu bir-regoli tal-kompetizzjoni. Filwaqt li nagħraf l-isfidi partikolari li d-diġitalizzazzjoni tippreżenta għall-ekonomija u għas-soċjetà tagħna, ikkonsultajt esperti f'dan il-qasam, tliet Konsulenti Speċjali indipendenti, biex jagħtu pariri lill-Kummissjoni dwar dak li hu meħtieġ biex ninfurzew ir-regoli tal-kompetizzjoni tagħna fl-

era diġitali. Huma abbozzaw rapport, li ġie ppubblikat f'April 2019. Dan jinkludi diversi suġġerimenti dwar kif għandu jittfassal l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni fil-mandat li jmiss.

Jien impenjata li naħdem madwar is-servizzi tal-Kummissjoni sabiex l-Ewropa tkun lesta għal Era Diġitali. Se neżamina wkoll l-aspetti prattiċi tal-infurzar tagħna, inklużi aspetti bħad-definizzjoni tas-suq, u se nevalwa u nirrevedi r-regoli tagħna biex niżguraw li l-politika tal-kompetizzjoni tagħna u r-regoli jkomplu jżommu s-swieq effiċjenti, u b'hekk jikkontribwixxu għal industrija Ewropea b'saħħitha fid-dar u fid-dinja. B'bidma mal-kollegi tiegħi fil-Kummissjoni kollha, u billi nibni fuq l-esperjenza tiegħi fl-infurzar tal-kompetizzjoni, se ngħin biex niżgura li l-Kummissjoni Ewropea tibqa' fuq quddiem fl-infurzar u r-regolamentazzjoni fis-swieq diġitali u tat-teknoloġija.

## **It-Tieni Mistoqsija**

**Tista' tispeċifika l-prijoritajiet tiegħek rigward l-aġenda tat-taxxa diġitali u speċjalment fid-dawl tar-Riforma tat-Taxxa Internazzjonali li għaddejja bħalissa mmexxija mill-G20? B'mod partikolari, beħsiebek timplimenta aġenda tat-taxxa diġitali Ewropea ġusta irrispettivament mill-eżitu tan-negozjati li għaddejjin bħalissa? Se taġġorna r-regoli u l-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat biex jirriflettu Prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa eżistenti u emerġenti u biex tallinjahom aħjar mal-Impenji ta' Pariġi?**

### ***Tassazzjoni diġitali***

Nemmen li jeħtieġ li niffurmaw id-diġitizzazzjoni b'mod li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-ekonomija Ewropea u tas-soċjetà tagħna. Parti importanti ta' dan hija li l-kumpaniji kollha, kbar jew żgħar, tradizzjonali jew diġitali, iħallu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxa. Għal dan il-għan għandna bżonn liġijiet fiskali internazzjonali ġusti.

Il-qafas internazzjonali attwali dwar it-taxxa korporattiva mhuwiex qed jimxi bl-istess pass mar-realtajiet tal-ekonomija moderna. Huwa wisq kumpless u ma jiżgurax li l-profitti jiġu ntaxxati fejn jiġu ġġenerati. L-analiżi wriet ukoll li, bħala medja, il-kumpaniji diġitali jiffaċċjaw rata ta' taxxa ta' 9 % biss meta mqabbla ma' 23 % għal negozju tradizzjonali. Dan ifixkel il-kompetizzjoni bejn in-negozji tradizzjonali u dawk diġitali, u jqiegħed f'dubju s-sostenibbiltà tal-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri u l-ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa.

Għalhekk, għandna nkomplu mmexxu 'il quddiem l-isforzi internazzjonali biex insibu approċċ maqbul dwar it-tassazzjoni diġitali fil-livell tal-G20 u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi. Il-proposta li l-Kummissjoni ressqet f'Marzu 2018 dwar it-tassazzjoni diġitali diġà għenet biex tixpruna aktar progress fuq livell internazzjonali. Is-soluzzjoni globali li qed infittxu għandha tippermetti t-tassazzjoni effettiva tal-ekonomija diġitali. Għandha tkun ukoll sempliċi biex tamministra u tipprovdi ċertezza għan-negozji, tkun kompatibbli mar-regoli tas-Suq Uniku, u ġġib benefiċċji għall-UE u l-Istati Membri tagħha.

Ix-xhur li ġejjin se jkun kruċjali biex isir progress. Jekk jintlaħaq ftehim globali effettiv, dan ikun jeħtieġ implimentazzjoni koordinata fl-UE sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż ta' konformità u tiżdied iċ-ċertezza tat-taxxa għan-negozji. Jekk ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda ftehim effettiv sa tmiem l-2020, l-UE għandha tkun lesta li taġixxi waħedha. Se jkollna bżonn ta' soluzzjoni fil-livell tal-UE li twieġeb għall-isfidi tal-ekonomija diġitali, iġġib benefiċċji għall-UE u tippermettilna nsibu ftehim bejn l-Istati Membri. Dan isir partikolarment urġenti, anke biex



jiġi ppreservat is-Suq Uniku, peress li diversi Stati Membri qed jieħdu passi biex jindirizzaw dawn l-isfidi.

### ***Regoli u linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat***

Fir-rigward tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, hemm diversi modi li bihom aħna nagħtu gwida, u se nkompli nagħmel dan. Bħala riżultat tal-ħidma tal-każ tagħha, il-Kummissjoni ħadet tmien deċiżjonijiet li jispjegaw fid-dettall il-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa, u għaliex tqiesu bħala għajnuna illegali mill-Istat jew le. Fl-2016, il-Kummissjoni tat gwida lill-Istati Membri u lin-negozji dwar kif il-prattiki tal-ippjanar tat-taxxa jistgħu jiksru r-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, fl-Avviż dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, u fid-Dokument ta' Ħidma dwar l-Għajnuna mill-Istat u d-deċiżjonijiet dwar it-taxxa. Abbażi ta' din il-gwida, għadd ta' Stati Membri ħadu miżuri biex jemendaw il-qafas leġiżlattiv jew il-prattika ta' deċiżjoni tat-taxxa tagħhom biex jevitaw l-għoti ta' għajnuna illegali mill-Istat.

Bħalissa, għadd ta' investigazzjonijiet formali għadhom għaddejnin, u xi wħud mid-deċiżjonijiet tagħna qed jiġu skrutinizzati mill-Qorti. Is-sentenzi diġà mogħtija mill-Qorti Ġenerali kkonfermaw li, filwaqt li l-Istati Membri għandhom kompetenza esklużiva fid-determinazzjoni tal-liġijiet tagħhom dwar it-tassazzjoni diretta, huma għandhom jagħmlu dan fir-rispett tal-liġi tal-UE, inklużi r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, is-sentenzi kkonfermaw ukoll l-approċċ tal-Kummissjoni lejn is-selettività u biex jivvalutaw jekk it-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji tal-grupp jagħtux vantaġġ skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat abbażi tal-hekk imsejjaħ "prinċipju ta' distakkament". Fl-istess ħin, kull każ għandu l-ispeċifitajiet tiegħu.

Dan kollu jimplika li għad għandna bżonn niżviluppaw aktar Prattika qabel ma nkunu nistgħu nikkonsolidaw l-esperjenza miksuba b'mod aktar formali. Sadanittant, se tkompli tkun prijorità ewlenija għaliha biex inħares lejn miżuri ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat biex jiġi vvalutat jekk dawn jirriżultawx f'għajnuna illegali mill-Istat.

Jien se naħdem flimkien mal-Kummissarji l-oħra biex nindirizza l-isfidi importanti li jirriżultaw mit-tranżizzjoni klimatika. Ir-regoli attwali dwar l-għajnuna mill-Istat, speċjalment il-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija, u l-partijiet korrispondenti tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa, diġà jagħtu lill-Istati Membri ħafna possibiltajiet biex jappoġġaw miżuri għall-protezzjoni tal-ambjent u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Kif imħabbar kmieni fl-2019, il-Kummissjoni nediet "kontroll tal-idoneità", li permezz tiegħu aħna nevalwaw il-biċċa l-kbira tal-linji gwida tagħna biex niddeterminaw jekk għadhomx adattati għall-iskop tagħhom ("kontrolli tal-idoneità"). Ladarba jkollna r-riżultati tal-kontrolli tal-idoneità, daww is-sejbiet se jservu bħala bażi għal kunsiderazzjonijiet ta' reviżjoni futura tar-regoli. Kwalunkwe reviżjoni possibbli tar-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat naturalment issir fl-isfond tal-ambizzjonijiet tal-politika dwar il-klima espressi fil-Komunikazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni dwar il-Ftehim Ekoloġiku.

### **It-Tielet Mistoqsija**

**Il-politika tal-kompetizzjoni teħtieġ li tkun ta' benefiċċju għall-konsumatur u għalhekk tiżgura li l-ispiża tas-sanzjonijiet għall-każijiet ta' ksur fl-aħħar mill-aħħar ma tispiċċax fuq iċ-ċittadini. Minflok multi biss, ikun xieraq li jkun hemm rimedji strutturali bħal**

## **pereżempju divestituri, trasferimenti ta' assi tanġibbli u intanġibbli jew trasferimenti ta' kompetenzi?**

Il-multi jservu għan importanti biex jiskoraġġixxu lill-kumpaniji milli jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni. Iżda l-multi mhumiex l-unika għodda li nużaw biex jinstab rimedju għat-tfassib dwar il-kompetizzjoni. Għandna s-setgħa li nimponu rimedji kemm strutturali kif ukoll ta' mgħiba li huma meħtieġa biex jinġiebu fi tmiemu ksur tal-antitrust b'mod effettiv jew biex tiġi ċċarata fużjoni. Jistgħu jiġu imposti rimedji strutturali f'każijiet ta' antitrust fejn ikunu meħtieġa biex jiġi evitat ksur dejjiemi jew ripetut li jkun geġ mill-istruttura tad-ditta. Għalkemm s'issa ma użajniex dik is-setgħa f'każijiet ta' projbizzjoni tal-antitrust, għandna ħafna esperjenza f'każijiet ta' impenn dwar l-antitrust u fi proċeduri ta' fużjoni. Dan jinkludi b'mod partikolari rimedji li jinvolvu trasferimenti ta' negozji iżda wkoll trasferimenti ta' teknoloġija jew obbligi biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' prodotti jew servizzi. L-esperjenza tagħna f'dan il-qasam ċertament tkun utli u strumentali fit-tfassil ta' rimedji xierqa fil-qasam tal-antitrust.

Nixtieq ukoll infakkar żvilupp reċenti importanti fil-politika tal-kompetizzjoni, li hija l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar id-Danni fl-Istati Membri kollha fl-2018. Id-Direttiva dwar id-Danni neħħiet ostakli għall-vittmi ta' mgħiba antikompetittiva ta' kumpaniji biex jitolbu danni għat-telf tagħhom.